IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 28.9.2011
KUMM(2011) 594 finali

2011/0261 (CNS)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE**

{SEG(2011) 1102 finali}
{SEG(2011) 1103 finali}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. Introduzzjoni: Il-kuntest tal-kriżi finanzjarja u ekonomika, il-miri ta' politika u l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern

L-aħħar kriżi ekonomika u finanzjarja globali kellha impatt serju fuq l-ekonomiji tagħna u fuq il-finanzi pubbliċi. Is-settur finanzjarju kellu rwol maġġuri biex wassal għall-kriżi ekonomika filwaqt li l-gvernijiet u ċ-ċittadini Ewropej inġenerali kellhom iġarrbu l-konsegwenzi. Hemm kunsens qawwi fl-Ewropa u fil-livell internazzjonali li s-settur finanzjarju għandu jikkontribwixxi b'mod aktar ekwu meta jitqiesu l-ispejjeż biex tinstab soluzzjoni għall-kriżi u għaliex bħalissa dan is-settur qiegħed jiġi ntaxxat anqas milli suppost. Diversi Stati Membri diġà ħadu azzjonijiet diverġenti fil-qasam tat-tassazzjoni tas-settur finanzjarju. L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi pprovdut approċċ Ewropew għal din il-kwistjoni; approċċ li jkun konsistenti mas-suq intern. Din il-proposta għandha l-għan li tikkumplimenta l-qafas regolatorju tal-UE għal servizzi finanzjarji aktar sikuri billi tiġi indirizzata l-imġiba partikolarment riskjuża f'xi segmenti tas-swieq finanzjarji sabiex tiġi evitata repetizzjoni tal-prattiki tal-passat.

Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar it-Tassazzjoni tas-Settur Finanzjarju, il-Kummissjoni Ewropea diġà esplorat l-idea li timplimenta FTT[1]. Fid-dawl tal-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni, kif ukoll bi tweġiba għall-bosta sejħiet tal-Kunsill Ewropew[2], tal-Parlament Ewropew[3] u tal-Kunsill, il-proposta attwali hija l-ewwel pass:

– biex tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-suq intern għas-servizzi finanzjarji, b'kunsiderazzjoni tan-numru li dejjem qiegħed jiżdied ta' miżuri fiskali nazzjonali mhux ikkoordinati li qegħdin jiġu stabbiliti;

– biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet finanzjarji jagħtu kontribut ekwu għall-ħlas tal-kostijiet tal-kriżi reċenti u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ma' setturi oħrajn mill-perspettiva tat-tassazzjoni[4];

– biex jinħolqu diżinċentivi xierqa għal tranżazzjonijiet li ma jtejbux l-effiċjenza tas-swieq finanzjarji u b'hekk jiġu kkumplimentati dawk il-miżuri regolatorji li l-għan tagħhom huwa li jevitaw kriżijiet fil-ġejjieni.

---

1 COM(2010) 549 finali ((http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0549:FIN:MT:PDF)

2 B'mod partikolari, waqt il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-11 ta' Marzu 2011 il-kapijiet tal-istati jew tal-gvernijiet taż-żona tal-Euro ftiehmu li "l-introduzzjoni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji għandha tiġi ulterjorment esplorata u żviluppata fuq il-livelli taż-żona tal-Euro, tal-UE u internazzjonali." Il-Kunsill Ewropew sussegwenti tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011 tenna l-konklużjoni preċedenti tiegħu li l-introduzzjoni ta' imposta globali fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji għandha tiġi esplorata u żviluppata aktar.

3 Fl-10 u l-25 ta' Marzu 2010 u fit-8 ta' Marzu 2011, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjonijiet li jitolbu lill-Kummissjoni biex twettaq valutazzjoni tal-impatt tal-FTT li tesplora l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha. Barra minn hekk, talab biex jiġi vvalutat il-potenzjal tal-opzjonijiet tal-FTT biex jikkontribwixxu għall-baġit tal-UE u biex jintużaw bħala mekkaniżmi finanzjarji innovattivi li jipprovdu appoġġ għall-addattament għal u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, kif ukoll għall-finanzjament tal-kooperazzjoni tal-iżvilupp.

4 Ħafna mis-servizzi finanzjarji u tal-assigurazzjoni huma eżenti mill-VAT.

Minħabba l-mobilità estremament għolja ta' ħafna mit-tranżazzjonijiet li potenzjalment sejrin jiġu ntaxxati, huwa importanti li jiġu evitati distorsjonijiet ikkawżati minn regoli tat-taxxa maħluqa mill-Istati Membri li jaġixxu b'mod unilaterali. Tabilħaqq, il-frammentazzjoni tas-swieq finanzjarji fost l-attivitajiet u bejn il-fruntieri tista' tiġi evitata biss, u t-trattament ugwali tal-istituzzjonijiet finanzjarji fl-UE u, fl-aħħar mill-aħħar, il-funzjonament xieraq tas-suq intern, jistgħu jiġu żgurati biss permezz ta' azzjoni fuq il-livell tal-UE.

Din il-proposta għalhekk tipprovdi għall-armonizzazzjoni tat-taxxi tal-Istati Membri fuq tranżazzjonijiet finanzjarji sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku.

F'konformità mal-Proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' Ġunju 2011[5], din il-proposta għandha wkoll il-għan li toħloq fluss ġdid ta' dħul bil-għan li gradwalment tispostja l-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-baġit tal-UE, u dan iħalli piż aktar baxx fuq it-teżori nazzjonali.

## 1.2. Il-finanzjament tal-Baġit tal-UE

Il-kwistjoni tat-tassazzjoni tas-settur finanzjarju kienet ukoll parti mill-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE tad-19 ta' Ottubru 2010[6] li tiddikjara li "Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-lista mhux eżawrjenti li ġejja ta' mezzi ta' finanzjament jistgħu jkunu kandidati possibbli għal riżorsi proprji li gradwalment jieħdu post il-kontribuzzjonijiet nazzjonali, u jħallu piż iżgħar fuq it-teżori nazzjonali: - It-tassazzjoni tal-UE fuq is-settur finanzjarju." Il-Proposta sussegwenti għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' Ġunju 2011[7] identifikat l-FTT bħala riżorsa proprja ġdida li għandha tiddaħħal fil-baġit tal-UE. Konsegwentement, din il-proposta sejra tiġi kkumplimentata minn proposti separati dwar riżorsi proprji li jistabbilixxu kif il-Kummissjoni tipproponi li l-FTT sejra sservi bħala sors għall-Baġit tal-UE .

## 1.3. Kuntest regolatorju

L-Unjoni Ewropea għaddejja bi programm regolatorju ambizzjuż ta' riforma fis-settur tas-servizzi finanzjarji. Qabel tmiem din is-sena, il-Kummissjoni sejra tkun ipproponiet l-elementi kollha neċessarji għal titjib fundamentali fil-mod ta' kif is-swieq finanzjarji Ewropej jiġu rregolati u ssorveljati. Ir-riforma tas-servizzi finanzjarji tal-UE hija orjentata madwar erba' objettivi strateġiċi, jiġifieri t-titjib tas-superviżjoni fis-settur finanzjarju; it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet finanzjarji, u l-provvediment ta' qafas għall-irkupru tagħhom fejn neċessarju; li jagħmel lis-swieq finanzjarji aktar siguri u aktar trasparenti; u jżid il-protezzjoni tal-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji. Huwa mistenni li din ir-riforma wiesgħa sejra ġġib lura s-settur tas-servizzi finanzjarji għas-servizz tal-ekonomija reali, b'mod partikolari biex jiffinanzja t-tkabbir. Il-proposta tal-FTT għandha l-għan li tikkumplimenta dawn ir-riformi regolatorji.

---

5 COM(2011) 510 finali. http://ec.europa.eu/budget/library/biblio/documents/fin_fwk1420/proposal_council_own_resources_en.pdf

6 COM(2010) 700 finali (http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0700:FIN:MT:PDF).

7 COM(2011) 510 finali (http://ec.europa.eu/budget/library/biblio/documents/fin_fwk1420/proposal_council_own_resources_en.pdf).

## 1.4 Kuntest internazzjonali

Din il-proposta tikkontribwixxi b'mod sostanzjali wkoll għad-dibattitu internazzjonali li jinsab għaddej dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju u b'mod partikolari għall-iżvilupp ta' FTT fil-livell globali. Sabiex ir-riskju jiġi mmimizzat, l-aħjar opzjoni hija dik ta' approċċ ikkoordinat fil-livell internazzjonali. Din il-proposta turi kif FTT effettiv jista' jiġi ddisinjat u implimentat, u b'hekk jiġġenera dħul sinifikanti. Dan għandu jwitti t-triq għal approċċ aktar ikkoordinat mal-imsieħba internazzjonali l-aktar relevanti.

# 2. IR-RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL- IMPATT

## 2.1. Konsultazzjonijiet u għarfien espert esterni

Il-proposta attwali ġiet ifformulata fl-isfond ta' firxa wiesgħa ta' kontribuzzjonijiet esterni. Dawn il-kontribuzzjonijiet ħadu l-forma ta' reazzjonijiet li ġew riċevuti matul il-konsultazzjoni pubblika dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju, konsultazzjonijiet immirati mal-Istati Membri, mal-esperti u mal-partijiet interessati tas-settur finanzjarju, kif ukoll tliet studji esterni differenti ikkummissjonati għall-fini tal-valutazzjoni tal-impatt.

Ir-riżultati tal-proċess ta' konsultazzjoni u l-kontribut estern huma riflessi fil-valutazzjoni tal-impatt.

## 2.2. Valutazzjoni tal-impatt

Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta attwali tanalizza l-impatt ta' taxxi addizzjonali fuq is-settur finanzjarju fir-rigward tal-għanijiet li (1) jiġi żgurat kontribut tas-settur finanzjarju għall-finanzi pubbliċi, (2) tiġi limitata l-imġiba mhux mixtieqa tas-suq u b'hekk jiġu stabbilizzati s-swieq u (3) jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq intern. Il-valutazzjoni tal-impatt analizzat żewġ opzjonijiet bażiċi: taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (FTT) u taxxa fuq l-attivitajiet finanzjarji (TAF), kif ukoll il-bosta opzjonijiet ta' disinn relatati magħhom u kkonkludiet li l-opzjoni tal-FTT tkun l-aktar waħda ppreferuta.

Jidher li l-FTT għandha l-potenzjal li tiġġenera dħul sinfikanti mit-taxxi fuq is-settur finanzjarju, iżda, bħall-FAT, hemm ir-riskju li tħalli xi effetti negattivi f'termini ta' PDG u t-tnaqqis fil-volum ta' tranżazzjonijiet fis-suq. Sabiex jiġu evitati r-riskji ta' delokalizzazzjoni hemm il-ħtieġa ta' approċċ koordinat kemm fuq livell tal-UE biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku kif ukoll fuq livell internazzjonali, f'konformità mal-ambizzjonijiet għal kooperazzjoni mal-G-20.

Barra minn hekk, sabiex tingħata risposta għar-riskji f'termini ta' reazzjoni tas-suq u tal-impatt fuq it-tkabbir, id-disinn tal-FTT fih karatteristiċi speċifiċi mfassla għall-mitigazzjoni fir-rigward tal-effetti ekonomiċi u l-inċidenza tat-taxxa, ta' strateġiji possibbli ta' evitar tat-taxxa u tar-riskji ta' rilokazzjoni:

- ambitu tat-taxxa wiesa' fir-rigward ta' prodotti, tranżazzjonijiet, tipi ta' kummerċ u ta' atturi finanzjarji u kif ukoll tranżazzjonijiet li jsiru fi ħdan grupp finanzjarju;

- l-użu tal-prinċipju ta' residenza – tassazzjoni fi Stat Membru fejn ikunu stabbiliti l-atturi finanzjarji, indipendentement mill-post fejn issir it-tranżazzjoni. Din id-direttva tipprovdi wkoll għat-tassazzjoni fl-UE, f'każ ta' istituzzjonijiet finanzjarja li mhijiex mill-UE u li

tkun involuta fi tranżazzjoni finanzjarja ma' parti fl-UE, u f'każ fejn waħda mill-fergħat tagħha fl-UE tkun involuta fi tranżazzjoni finanzjarja;

- l-iffissar ta' rati tat-taxxi f'livell xieraq biex jiġu mminimizzati l-impatti eventwali tal-kost ta' kapital għal skopijiet ta' investiment mhux finanzjarju;
- l-esklużjoni mill-ambitu tal-FTT ta' tranżazzjonijiet fi swieq primarji kemm ta' titoli ta' sigurtà (ishma, bonds) - biex il-gvernijiet u l-kumpaniji ma ma jiġux imfixkla milli jiksbu l-kapital - u għall-muniti. L-esklużjoni ta' swieq primarji hija konsistenti ma' prattika antika ta' politika tal-UE kif inhija mnaqqxa wkoll fid-Direttiva 2008/7/KE;
- l-esklużjoni tal-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self ta' entitajiet domestiċi privati, impriżi jew istituzzjonijiet finanzjarji, u attivitajiet finanzjarji oħra ta' kuljum, bħal self b'ipoteka jew tranżazzjonijiet ta' ħlas;
- l-esklużjoni ta' tranżazzjonijiet finanzjarji pereżempju mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali, mill-ambitu tal-FTT, biex id-direttiva ma tolqotx il-possibbiltajiet ta' finanzjament mill-ġdid ta' istituzzjonijiet finanzjarji jew l-istrumenti ta' politika monetarja.

B'kunsiderazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni pprovduti mill-karatteristiċi ta' disinn tal-FTT li qiegħed jiġi propost issa, l-impatt negattiv fit-tul fuq il-livell tal-PDG mistenni jkun limitat għal madwar 0.5% meta mqabbel max-xenarju bażi.

Il-valutazzjoni tal-impatt turi li l-FTT ser ikollha impatt fuq l-imġiba tas-suq u fuq il-mudelli kummerċjali fis-settur finanzjarju. Il-Kummerċ Awtomatizzat fi swieq finanzjarji jista' jiġi affettwat minn żieda indotta mit-taxxa fil-kostijiet ta' tranżazzjonijiet, għalhekk dawn il-kostijiet iħallu effetti negattivi fuq il-profitt marġinali. Dan japplika b'mod speċjali għall-mudell kummerċjali ta' kummerċ ta' frekwenza għolja fiżikament marbut mill-qrib mal-pjattaformi kummerċjali li bihom l-istituzzjonijiet finanzjarji jagħmlu għadd kbir ta' tranżazzjonijiet ta' volum għoli iżda ta' marġni baxx. Dawn jista' jkollhom jiġu ssostitwiti minn algoritmi li jwasslu għal anqas tranżazzjonijiet li madankollu jkunu ta' marġni ogħla (qabel it-taxxa).

Il-valutazzjoni tal-impatt turi wkoll li l-FTT ser ikollha effetti progressivi ta' distribuzzjoni, jiġifieri l-impatt tagħha sejjer jiżdied b'mod proporzjonali mad-introjtu, minħabba li gruppi b'introjtu aktar għoli jibbenefikaw aktar mis-servizzi pprovduti mis-settur finanzjarju. Dan japplika b'mod speċjali għal FTT limitata għal tranżazzjonijiet ma' strumenti finanzjarji bħal bonds u ishma u d-derivati tagħhom. L-entitajiet domestiċi privati u l-SMEs li ma jinvestux fis-swieq finanzjarji b'mod attivi ftit li xejn jintlaqtu minn din il-proposta minħabba fil-karatteristiċi ta' esklużjoni li ddaħħlu fid-disinn tal-FTT.

Id-distribuzzjoni ġeografika tad-dħul mit-taxxa jiddependi fuq id-disinn tekniku tat-taxxa. Skont din id-Direttiva din il-firxa ġeografika ser tiddependi fuq il-post fejn ikunu stabbiliti l-istituzzjonijiet finanzjarji involuti fi tranżazzjonijiet finanzjarji u mhux fuq il-post fejn isir il-kummerċ tal-istrumenti finanzjarji. X'aktarx dan iwassal għal grad aktar baxx ta' konċentrazzjoni ta' dħul mit-taxxa, speċjalment f'sitwazzjonijeit fejn l-istituzzjonijiet finanzjarji jintervjenu fuq pjattaforma kummerċjali f'isem istituzzjonijiet finanzjarji stabbiliti fi Stat Membru ieħor.

Id-direttiva tiżgura wkoll li l-miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-evitar, l-evażjoni u l-abbuż jiġu ddefiniti fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni permezz ta' atti ddelegati. Klawsola ta' reviżjoni, wara tliet snin mill-implimentazzjoni, teżamina l-impatt tal-FTT fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq

intern, tas-swieq finanzjarji u tal-ekonomija reali, b'kunsiderazzjoni tal-progress dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju fil-kuntest internazzjonali.

# 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

## 3.1. Bażi legali

Il-bażi legali rilevanti għad-Direttiva proposta hija l-Artikolu 113 tat-TFUE. Il-proposta għandha l-għan li tarmonizza l-leġiżlazzjoni li tikkonċerna tassazzjoni indiretta fuq tranżazzjonijiet finanzjarji, li hija meħtieġa sabiex tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u tevita distorzjonijiet fil-kompetizzjoni.

## 3.2. Sussidjarjetà u proporzjonalità

Definizzjoni uniformi fuq livell tal-UE tal-karatteristiċi essenzjali ta' FTT hija meħtieġa sabiex tevita r-rilokazzjonijiet żejda ta' tranżazzjonijiet u tal-parteċipanti fis-suq u s-sostituzzjoni ta' strumenti finanzjarji fl-UE. Fi kliem ieħor, hemm il-ħtieġa ta' definizzjoni uniformi fil-livell tal-UE sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern u jiġu evitati d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni fi ħdan l-UE.

Bl-istess mod, definizzjoni uniformi fil-livell tal-UE jista' jkollha rwol kruċjali fit-tnaqqis tal-frammentazzjoni eżistenti tas-Suq Intern, inkluż għall-prodotti differenti tas-settur finanzjarju li ħafna drabi jservu bħala sostituti mill-qrib. Nuqqas ta' armonizzazzjoni fl-FTT iwassal għal arbitraġġ tat-taxxa u l-potenzjal ta' tassazzjoni doppja jew nuqqas ta' tassazzjoni. Dan mhux biss jevita li t-tranżazzjonijiet finanzjarji jseħħu f'kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, iżda jaffettwa wkoll id-dħul tal-Istati Membri. Barra minn hekk, jimponi spejjeż addizzjonali ta' konformità fuq is-settur finanzjarju minħabba wisq sistemi fiskali differenti.

Dan huwa sostnut minn evidenza empirika. S'issa, it-taxxi nazzjonali fuq tranżazzjonijiet finanzjarji jew irriżultaw f'delokalizzazzjoni ta' attivitajiet u/jew istituzzjonijiet jew kienu, sabiex jevitaw dan, iddisinjati b'tali mod sabiex ikunu ntaxxati biss fuq bażijiet fiskali relattivament immobbli, li ħafna drabi jħallu sostituti viċini mhux intaxxati. L-armonizzazzjoni tal-kunċetti ewlenin u l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni fil-livell tal-UE huma għalhekk prerekwiżit sabiex l-applikazzjoni ta' taxxi fuq tranżazzjonijiet finanzjarji tkun ta' suċċess u jiġu evitati d-distorsjonijiet. Azzjoni bħal din tal-UE sejra trawwem ukoll l-approċċ mixtieq.

Il-proposta attwali għalhekk tikkonċentra fuq it-twaqqif ta' struttura komuni tat-taxxa u dispożizzjonijiet komuni dwar ħlas. Il-proposta għalhekk tħalli marġni ta' manuvrar suffiċjenti għall-Istati Membri fir-rigward tal-istabbiliment attwali tar-rati ta' taxxa 'l fuq mill-minimu u l-ispeċifikazzjoni tal-obbligi ta' kontabilità u rappurtar kif ukoll il-prevenzjoni tal-evażjoni, l-evitar u l-abbuż.

Qafas komuni għal FTT fl-UE għalhekk jirrispetta l-prinċipju ta' sussidjarjetà u proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5 tar-TUE. L-għan ta' din il-Proposta ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista', permezz tal-iżgurar tal-funzjonament xieraq tas-suq intern, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni.

L-armonizzazzjoni proposta, fil-forma ta' Direttiva aktar milli Regolament, ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet segwiti, l-ewwel u qabel kollox għall-funzjonament xieraq tas-suq intern. Għalhekk hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

## 3.3. Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta

### *3.3.1. Kapitolu I (Suġġett, ambitu u definizzjonijiet)*

Dan il-kapitolu jiddefinixxi l-qafas essenzjali tal-FTT proposta fl-UE. Din l-FTT għandha l-għan li tintaxxa tranżazzjonijiet gross qabel xi kalkolazzjoni tal-valur nett.

L-ambitu tat-taxxa huwa wiesgħa, minħabba li l-għan tagħha huwa li tkopri tranżazzjonijiet relatati mat-tipi kollha ta' strumenti finanzjarji minħabba li ħafna drabi huma sostituti viċini għal xulxin. Għalhekk, l-ambitu jkopri strumenti li huma negozjabbli fis-suq kapitali, strumenti tas-suq tal-flus (bl-eċċezzjoni ta' strumenti ta' pagamenti), unitajiet jew ishma f'kollettivi (li jinkludu l-UCITS u fondi ta' investiment alternattivi[8]) u ftehim dwar derivati. Barra minn hekk, l-ambitu tat-taxxa mhuwiex limitat għall-kummerċ fis-swieq organizzati, bħas-swieq regolati, faċilitajiet multilaterali tan-negozju, iżda tkopri wkoll tipi oħra ta' kummerċ inkluż negozju barra l-Borża. Lanqas ma hija limitata għat-trasferiment ta' sjieda iżda pjuttost tirrappreżenta l-obbligu li sar, li jirrifletti jekk l-istituzzjoni finanzjarja nvoluta tassumix ir-riskju implikat minn strument finanzjarju partikolari ("xiri u bejgħ") jew le. Barra minn hekk, meta ftehim dwar derivati jirriżulta fi provvista ta' strumenti finanzjarji, minbarra l-ftehim dwar id-derivati taxxabbli, il-provvista tal-istrumenti finanzjarji tkun soġġetta wkoll għat-taxxa, sakemm il-kundizzjonijiet kollha l-oħra għat-tassazzjoni jiġu sodisfatti.

Madanakollu, it-tranżazzjonijiet mal-Bank Ċentrali Ewropew u mal-banek ċentrali nazzjonali huma esklużi mill-ambitu sabiex jiġi evitat xi impatt negattiv fuq il-possibiltajiet ta' rifinanzjament ta' istituzzjonijiet finanzjarji jew fuq politiki monetarji in ġenerali.

B'mod partikolari, kemm għall-istrumenti finanzjarji li x-xiri, il-bejgħ u t-trasferiment tagħhom huwa intaxxat u għall-konklużjoni jew il-modifika ta' ftehim dwar derivati, il-qafas regolatorju rilevanti fil-livell tal-UE jipprovdi sett ċar, komprensiv u aċċettat ta' definizzjonijiet[9]. B'mod aktar partikolari fir-rigward tal-hekk imsemmi ftehim dwar derivati, dan jikkonċerna derivati għall-finijiet ta' investiment. Mid-definizzjonijiet użati jirriżulta li tranżazzjonijiet immedjati fil-muniti mhumiex tranżazzjonijiet finanzjarji taxxabbli, filwaqt li ftehim ibbażat fuq il-munita huwa. Il-kuntratti tad-derivati li jirreletaw ma' komoditajiet huma koperti wkoll, filwaqt li t-tranżazzjonijiet ta' komoditajiet fiżiċi mhumiex.

Tranżazzjonijiet finanzjarji jistgħu jikkonsistu wkoll mix-xiri/bejgħ jew it-trasferiment ta' prodotti strutturati, jiġifieri titoli negozjabbli jew strumenti finanzjarji oħra offruti permezz ta' titolizzazzjoni. Prodotti bħal dawn huma komparabbli ma' kwalunkwe strument finanzjarju ieħor u għalhekk jeħtieġu li jiġu koperti bit-terminu strument finanzjarju kif użat f'din il-proposta. L-esklużjoni tagħhom mill-ambitu ta' FTT tiftaħ opportunitajiet ta' evitar. Din il-kategorija ta' prodotti tinkludi b'mod partikolari noti, mandati u ċ-ċertifikati kif ukoll titolizzazzjonijiet bankarji li ġeneralment jittrasferixxu r-riskju ta' kreditu assoċjat ma' assi bħal ipoteki jew self fis-suq, kif

---

8 Qed issir referenza għad-definizzjoni ta' strumenti finanzjarji fl-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1). Din id-definizzjoni tkopri unitajiet f'impriżi ta'investiment kollettiv. Konsegwentement, ishma u unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) kif definiti fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32) u fondi ta' investiment alternattiv (AIF) kif definiti fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1) huma strumenti finanzjarji. Is-sottoskrizzjoni u t-tifdija ta' dawn l-istrumenti huma għalhekk ikkunsidrati tranżazzjonijiet finanzjarji skont il-proposta attwali.

9 B'mod partikolari d-Direttiva 2004/39/KE (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti).

ukoll titolizzazzjonijiet ta' assigurazzjoni, li jinvolvu t-trasferiment ta' tipi oħra ta' riskju, pereżempju sottoskrizzjoni.

Madankollu, l-ambitu tat-taxxa huwa ffukat fuq tranżazzjonijiet finanzjarji li jsiru minn istituzzjonijiet finanzjarji li jaġixxu bħala parti minn tranżazzjoni finanzjarja, jew akkont tagħhom stess jew akkont ta' persuni oħra, jew li jaġixxu għan-nom ta' parti għat-tranżazzjoni. Dan l-approċċ jiżgura li l-FTT tiġi applikata b'mod komprensiv. F'termini prattiċi dan huwa ġeneralment evidenti permezz ta' entrati rispettivi fil-kotba.

Id-definizzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji hija wiesgħa u essenzjalment tinkludi ditti tal-investiment, swieq organizzati, istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni, impriżi ta' investiment kollettiv u l-maniġers tagħhom, fondi tal-pensjonijiet u l-maniġers tagħhom, kumpaniji holding, kumpaniji ta' kiri finanzjarju, entitajiet b'għan speċjali, u fejn possibbli tirreferi għad-definizzjonijiet pprovduti mil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE adottata għal skopijiet regolatorji. Barra minn hekk, persuni oħra li jwettqu ċerti attivitajiet finanzjarji fuq bażi sinifikanti għandhom jiġu kkunsidrati bħala istituzzjonijiet finanzjarji.

Id-Direttiva proposta tipprovdi għal setgħat iddelegati fir-rigward ta' dettalji ulterjuri.

Kontropartijiet Ċentrali (CCPs), Depożitarji Ċentrali tat-Titoli (CSDs) u Depożitarji Ċentrali Internazzjonali tat-Titoli (ICSDs) mhumiex ikkunsidrati bħala istituzzjonijiet finanzjarji sakemm dawn ikunu qegħdin jeżerċitaw funzjonijiet li mhumiex ikkunsidrati bħala attività kummerċjali fiha nfisha. Huma wkoll il-pern għal funzjonament aktar effiċjenti u aktar trasparenti tas-swieq finanzjarji.

L-applikazzjoni territorjali tal-FTT proposta u d-drittijiet ta' tassazzjoni tal-Istati Membri huma definiti abbażi tal-prinċipju ta' residenza. Sabiex tranżazzjoni finanzjarja tkun taxxabbli fl-UE, jeħtieġ li waħda mill-partijiet għat-tranżazzjoni tkun stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru. It-tassazzjoni sseħħ fl-Istat Membru fit-territorju li fih jinstab l-istabbiliment ta' istituzzjoni finanzjarja, bil-kundizzjoni li din l-istituzzjoni hija parti għat-tranżazzjoni, li taġixxi jew akkont tagħha stess jew akkont ta' persuna oħra, jew qiegħda taġixxi għan-nom ta' parti għat-tranżazzjoni.

Fil-każ li dawn l-istabbilimenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji differenti, li huma parti għat-tranżazzjoni jew li qegħdin jaġixxu għan-nom ta' tali partijiet, ikunu jinstabu fit-territorju ta' Stati Membri differenti, dawn l-Istati Membri differenti jkunu kompetenti li jagħmlu t-tranżazzjoni soġġetta għal taxxa skont ir-rati li stabbilixxew skont din il-proposta. Meta l-istabbilimenti kkonċernati jinstabu fit-territorju ta' Stat li mhuwiex parti mill-Unjoni, it-tranżazzjoni ma tkunx soġġetta għal FTT fl-UE, sakemm waħda mill-partijiet għat-tranżazzjoni ma tkunx stabbilita fl-UE li f'dak il-każ l-istituzzjoni finanzjarja tal-pajjiż terz għandha titqies ukoll bħala stabbilita u t-tranżazzjoni ssir taxxabbli fl-Istat Membru kkonċernat. Meta tranżazzjonijiet isiru f'postijiet tan-negozju barra mill-UE, dawn ikunu soġġetti għat-taxxa jekk mill-inqas wieħed mill-istabbilimenti li jkun qiegħed iwettaq jew li jkun qiegħed jintervjeni fit-tranżazzjoni jkun jinstab fl-UE.

Madanakollu, fil-każ li l-persuna li jkollha tħallas it-taxxa turi li ma jkun hemm rabta bejn is-sustanza ekonomika tat-tranżazzjoni u t-territorju ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri, l-istituzzjoni finanzjarji tista' ma titqiesx bħala stabbilita fi Stat Membru.

Barra minn hekk, meta l-istrumenti finanzjarji li x-xiri u l-bejgħ tagħhom huwa forma taxxabbli, l-oġġett ta' trasferiment bejn entitajiet ta' grupp, dan it-trasferiment għandu jkun taxxabbli anki jekk jista' ma jkunx xiri jew bejgħ.

Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li skont il-loġika tal-FTT li ġejja mill-għanijiet imsemmija hawn fuq ħafna attivitajiet finanzjarji mhumiex meqjusin bħala tranżazzjonijiet finanzjarji. Minbarra l-esklużjoni tas-swieq primarji spjegata hawn fuq, ħafna mill-attivitajiet finanzjarji ta' kuljum li huma rilevanti għaċ-ċittadini u għan-negozji jibqgħu barra mill-ambitu tal-FTT. Dan huwa l-każ għall-konklużjoni ta' kuntratti tal-assigurazzjoni, self ipotekarju, krediti tal-konsumatur, servizzi ta' pagament eċċ. (għalkemm in-negozjar sussegwenti ta' dawn permezz ta' prodotti strutturati huwa inkluż). Barra minn hekk, tranżazzjonijiet ibbażati fuq il-munita fi swieq immedjati huma barra mill-ambitu tal-FTT, li dan jippreserva l-moviment liberu tal-kapital. Madankollu, ftehim dwar derivati bbażat fuq tranżazzjonijiet fil-muniti huwa kopert mill-FTT minħabba li dawn mhumiex tranżazzjonijiet ibbażati fuq il-munita per se.

*3.3.2. Kapitolu II (intaxxar, ammont taxxabbli u rati)*

Il-mument ta' intaxxar huwa definit bħala l-mument meta sseħħ it-tranżazzjoni finanzjarja. Kanċellazzjoni sussegwenti ma tistax titqies bħala raġuni biex tiġi eskluża impożizzjoni tat-taxxa, ħlief f'każijiet ta' żbalji.

Minħabba li x-xiri/l-bejgħ jew it-trasferiment ta' ċerti strumenti finanzjarji (esklużi d-derivati), min-naħa waħda, u x-xiri/l-bejgħ, it-trasferiment, il-konklużjoni jew il-modifika ta' ftehim dwar derivati, min-naħa l-oħra, għandhom natura u karatteristiċi differenti, huma għandhom ikunu assoċjati ma' ammonti taxxabbli differenti.

Għax-xiri u l-bejgħ ta' ċerti strumenti finanzjarji (minbarra derivati), ġeneralment jiġi ddeterminat prezz jew forma oħra ta' kunsiderazzjoni. Loġikament, dan għandu jiġi definit bħala l-ammont taxxabbli. Madankollu, biex jiġu evitati distorzjonijiet tas-suq hemm il-ħtieġa ta' regoli speċjali meta l-korrispettiv ikun aktar baxx mill-prezz tas-suq jew fil-każ ta' tranżazzjonijiet li jkunu qegħdin iseħħu bejn entitajiet ta' grupp u li mhumiex koperti mill-kunċetti ta' "xiri" u "bejgħ". F'dawn il-każijiet, l-ammont taxxabbli għandu jkun il-prezz tas-suq stabbilit f'distakk fiż-żmien meta l-FTT issir dovuta.

Għax-xiri/il-bejgħ, it-trasferiment, il-konklużjoni u l-modifika ta' ftehim dwar derivati l-ammont tal-FTT taxxabbli għandu jkun l-ammont nozzjonali fil-ħin li l-ftehim dwar derivati jinxtara/jinbiegħ, jiġi trasferit, konkluż jew immodifikat. Dan l-approċċ se jippermetti applikazzjoni sempliċi u faċli ta' FTT fuq ftehimiet dwar derivati filwaqt li jiġu żgurati spejjeż baxxi għall-konformità u fuq l-amministrazzjoni. Barra minn hekk, dan l-approċċ jagħmilha aktar diffiċli li l-piż tat-taxxa jitnaqqas b'mod artifiċjali permezz ta' tfassil kreattiv tal-kuntratt għall-ftehim tad-derivati għaliex ma jkun għad fadal l-ebda inċentiv tat-taxxa biex dan isir, pereżempju li wieħed jidħol fi ftehim dwar differenzi fi prezzijiet jew valuri biss. Barra minn hekk jimplika t-tassazzjoni fil-mument tax-xiri/bejgħ, it-trasferiment, il-konklużjoni jew il-modifika tal-kuntratt meta mqabbel mal-intaxxar tal-fluss ta' flus f'perjodi differenti waqt iċ-ċiklu tal-ħajja tal-ftehim. Ir-rata li għandha tintuża f'dan il-każ teħtieġ li tkun pjuttost baxxa sabiex jiġi definit piż fiskali adegwat.

Jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' dispożizzjonijiet speċjali fl-Istati Membri sabiex jipprevjenu l-evitar, l-evażjoni u l-abbuż tat-taxxa (ara wkoll sezzjoni 3.3.3). Pereżempju f'każijiet fejn l-ammont nozzjonali jiġi diviż artifiċjalment: l-ammont nozzjonali ta' tpartita jista' pereżempju jiġi diviż b'fattur arbitrarjament kbir u l-pagamenti kollha jiġu mmultiplikati bl-istess fattur. Dan iħalli l-flussi tal-flus tal-istrument mhux mibdula, iżda arbitrarjament inaqqas id-daqs tal-bażi tat-taxxa.

Hemm bżonn ta' dispożizzjonijiet speċjali sabiex jiddeterminaw l-ammont taxxabbli fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fejn l-ammont taxxabbli jew il-partijiet tagħhom huma mfissra f'munita differenti minn dik tal-Istat Membru ta' valutazzjoni.

Ix-xiri/il-bejgħ jew it-trasferiment ta' ċerti strumenti finanzjarji minbarra d-derivati, minn naħa waħda, u x-xiri/l-bejgħ, it-trasferiment, il-konklużjoni jew il-modifika ta' ftehim dwar derivati, min-naħa l-oħra, huma differenti fin-natura. Barra minn hekk, x'aktarx li s-swieq jirreaġixxu b'mod differenti għal taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji applikata għal kull waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji. Għal dawn ir-raġunijiet, u sabiex tiġi żgurata tassazzjoni ugwali fuq bażi ġenerali, ir-rati għandhom jiġu differenzjati bejn iż-żewġ kategoriji.

Ir-rati għandhom ukoll jieħdu in kunsiderazzjoni tad-differenzi fil-metodi applikabbli għad-determinazzjoni tal-ammonti taxxabbli.

Ġeneralment, ir-rati minimi tat-taxxa (li 'l fuq minnhom hemm lok ta' manuvrar għall-politiki nazzjonali) huma proposti biex jiġu stabbiliti fuq livell għoli biżżejjed sabiex jintlaħaq l-għan ta' armonizzazzjoni ta' din id-Direttiva. Fl-istess ħin, ir-rati proposti huma baxxi biżżejjed sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' delokalizzazzjoni.

*3.3.3. Kapitolu III (Ħlas ta' FTT, obbligi relatati u l-prevenzjoni tal-evażjoni, l-evitar u l-abbuż)*

Din il-proposta tiddefinixxi l-ambitu ta' FTT b'referenza għat-tranżazzjonijiet finanzjarji li għalihom, istituzzjoni finanzjarja stabbilita fil-territorju tal-Istat Membru kkonċernat hija parti (li taġixxi jew akkont tagħha stess jew akkont ta' persuna oħra) jew tranżazzjonijiet fejn l-istituzzjoni taġixxi f'isem ta' parti. Fil-fatt, istituzzjonijiet finanzjarji jeżegwixxu l-biċċa l-kbira tat-tranżazzjonijiet fis-swieq finanzjarji, u l-FTT għandha tikkonċentra fuq is-settur finanzjarju, aktar milli fuq iċ-ċittadini. Għalhekk, dawn l-istituzzjonijiet għandhom ikunu obbligati li jħallsu t-taxxa lill-awtoritajiet fiskali. Madanakollu, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jżommu lil persuni oħrajn responsabbli, kemm b'mod konġunt u kemm separatament, għall-ħlas tat-taxxa, inkluż f'każijiet fejn il-parti fi tranżazzjoni jkollha l-kwartieri ġenerali tagħha barra mill-Unjoni Ewropea.

Ħafna tranżazzjonijiet finanzjarji jsiru permezz ta' mezzi elettroniċi. F'dawn il-każijiet, l-FTT għandha titħallas immedjatament fil-mument dovut. F'każijiet oħra, l-FTT għandha tkun dovuta fi żmien perjodu li, filwaqt li jkun twil biżżejjed sabiex jippermetti l-ipproċessar manwali tal-ħlas, jevita li jiġu akkumulati vantaġġi inġustifikabbli ta' fluss ta' flus għall-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata. Perjodu ta' tlett ijiem xogħol jista' jitqies xieraq f'dan is-sens.

L-Istati Membri għandhom ikunu obbligati li jieħdu miżuri xierqa sabiex l-FTT tinġabar b'mod preċiż u fil-ħin u biex jevitaw l-evażjoni, l-evitar u l-abbuż.

F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jużaw leġiżlazzjoni eżistenti u futura tal-UE dwar swieq finanzjarji li tinkludi rapportar u obbligi ta' manutenzjoni tad-dejta fir-rigward ta' tranżazzjonijiet finanzjarji.

Kulfejn ikun meħtieġ, għandhom jużaw ukoll l-istrumenti disponibbli għall-kooperazzjoni amministrattiva relatati mal-valutazzjoni u l-irkupru tat-taxxi, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/16/UE tal-Kunsill tal-15 ta' Frar dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE[10] (applikabbli mill-1 ta' Jannar 2013), id-Direttiva 2010/24/KE tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra[11] (applikabbli mill-1 ta' Jannar 2012). Fejn rilevanti u applikabbli, għandhom jiġu invokati wkoll strumenti oħra, per eżempju l-OECD – Konvenzjoni

---

[10] ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1.
[11] ĠU L 84, 31.3.2010, p. 1.

Multilaterali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet ta' Taxxa[12].

Id-Direttiva proposta tipprovdi għal setgħat iddelegati fir-rigward ta' dettalji ulterjuri.

Flimkien mal-approċċ kunċettwali bażi għat-FTT (ambitu wiesa', prinċipju tar-residenza, l-ebda eżenzjoni), ir-regoli msemmija hawn fuq jippermettu li jiġu minimizzati l-evażjoni, l-evitar u l-abbuż mit-taxxa.

### *3.3.4. Kapitolu IV (Dispożizzjonijiet finali)*

Mill-objettiv ta' din il-proposta għall-armonizzazzjoni jirriżulta li l-Istati Membri ma għandhomx jitħallew iżommu jew jintroduċu taxxi fuq tranżazzjonijiet finanzjarji minbarra l-għan ta' FTT tad-Direttiva jew tal-VAT proposta. Tabilħaqq, safejn il-VAT hija kkonċernata, għandu jkompli japplika d-dritt ta' taxxa alternattiva kif previst fl-Artikolu 137.1.(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[13]. Taxxi oħra bħal dawk fuq primjums ta' assigurazzjoni eċċ. naturalment għandhom natura differenti, l-istess kif għandhom il-ħlasijiet għar-reġistrazzjoni fuq tranżazzjonijiet finanzjarji, fil-każ li jirrappreżentaw rimborż ġenwin ta' spejjeż jew korrispettiv għal servizz mogħti. Għalhekk dawn it-taxxi u l-ħlasijiet mhumiex affettwati minn din il-proposta.

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/7/KE tat-12 ta' Frar 2008 dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital[14] fil-prinċipju jibqgħu applikabbli bis-sħiħ. Dan jinvolvi, pereżempju li l-kwistjoni primarja – kif imsemmi fl-Artikolu 5 (2) tad-Direttiva 2008/7/KE – dwar ishma jew titoli oħra tal-istess tip, jew ta' ċertifikati li jirrappreżentaw titoli bħal dawn, bonds – inklużi bonds tal-gvern - jew titoli negozjabbli oħrajn li għandhom x'jaqsmu ma' self, mhumiex suġġetti għal FTT fl-UE. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt potenzjali bejn iż-żewġ Direttivi, għandu madankollu jiġi previst li d-Direttiva proposta hawnhekk għandha preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/7/KE.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Stimi preliminari jindikaw li, skont ir-reazzjonijiet tas-suq, id-dħul minn din it-taxxa jista' jkun ta' EUR 57 biljun fl-UE kollha fuq bażi annwali.

Essenzjalment il-proposta għandha toħloq fluss ġdid ta' dħul għall-baġit tal-Istati Membri u tal-UE – f'konformità mal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' Ġunju 2011.

Id-dħul li jiġi mill-FTT fl-UE jista' jintuża totalment jew parzjalment bħala riżorsa proprja għall-Baġit tal-UE li jissostitwixxi ċerti riżorsi proprji eżistenti mħallsa mill-baġits nazzjonali, u dan jikkontribwixxi għall-isforzi ta' konsolidazzjoni baġitarja fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni sejra tippreżenta b'mod separat il-proposti kumplimentari li jistabbilixxu kif l-FTT tista' tintuża bħala sors għall-baġit tal-UE.

---

12 http://www.oecdilibrary.org/docserver/download/fulltext/2311331e.pdf?expires=1309623132&id=id&accname=ocid194935&checksum=37A9732331E7939B3EE154BB7EC53C41

13 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

14 ĠU L 46, 21.2.2008, p. 11.

2011/0261 (CNS)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[15],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[16],

Filwaqt li aġixxa skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Il-kriżi finanzjarja riċenti wasslet għal dibattiti fil-livelli kollha dwar il-possibbiltà ta' taxxa addizzjonali fuq is-settur finanzjarju u b'mod partikolari taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (FTT). Dan id-dibattitu joriġina mix-xewqa li jiġi żgurat li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi biex ikopri l-kostijiet tal-kriżi u li jiġi ntaxxat b'mod ekwu fil-konfront ta' setturi oħrajn fil-ġejjieni; sabiex jiġu disinċentivati attivitajiet riskjużi wisq minn istituzzjonijiet finanzjarji; sabiex jiġu kkumplimentati miżuri regolatorji maħsuba biex jiġu evitati kriżijiet futuri u biex jiġi ġġenerat dħul addizzjonali għall-baġits ġenerali jew għal skopijiet speċifiċi ta' politika.

(2) Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet permezz ta' miżuri meħudin unilateralment mill-Istati Membri, filwaqt li jingħata kas tal-mobilità estremament għolja ta' ħafna mit-tranżazzjonijiet finanzjarji rilevanti, u biex b'hekk jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern, huwa importanti li l-karatteristiċi bażiċi ta' FTT fl-Istati Membri jiġu armonizzati fil-livell tal-Unjoni. B'hekk għandhom jiġu evitati inċentivi għall-arbitraġġ fiskali fl-Unjoni u d-distorsjonijiet ta' allokazzjonijiet bejn is-swieq finanzjarji fl-Unjoni, kif ukoll il-possibilitajiet ta' tassazzjoni doppja jew ta' nuqqas ta' tassazzjoni.

(3) Biex is-suq intern jaħdem kif suppost, l-FTT għandha tapplika għall-kummerċ fuq firxa wiesgħa ta' strumenti finanzjarji, inklużi prodotti strutturati, kemm fis-swieq organizzati kif ukoll barra minn dawn is-swieq, u wkoll għall-konklużjoni u l-modifika ta' kull kuntratt

---

15 ĠU C …, …, p.. .
16 ĠU C …, …, p. ..

derivat. Għall-istess raġuni, din għandha tapplika għal firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet finanzjarji.

(4) Id-definizzjoni ta' strumenti finanzjarji fl-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (MiFID)[17] tkopri unitajiet fi impriżi ta' investiment kollettiv. Dan jimplika li l-ishma u l-unitajiet ta' impriżi għall-investiment kollettivi f'titoli trasferibbli (UCITS) kif definiti fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)[18] u fondi ta' investiment alternattivi (AIF) kif definiti fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010[19] huma strumenti finanzjarji. Għalhekk, is-sottoskrizzjoni u t-tifdija ta' dawn l-istrumenti huma tranżazzjonijiet li għandhom ikunu suġġetti għall-FTT.

(5) Sabiex jiġi ppreservat il-funzjonament effiċjenti u trasparenti tas-swieq finanzjarji, huwa meħtieġ li ċerti entitajiet jiġu esklużi mill-ambitu personali ta' din id-Direttiva, safejn dawn ikunu qegħdin jeżerċitaw funzjonijiet li mhumiex meqjusa bħala attività kummerċjali fiha nnifisha iżda aktar li qiegħda tiffaċilita l-kummerċ, jew meta jidħlu fi tranżazzjonijiet finanzjarji sabiex jagħtu assistenza finanzjarja lill-Istati Membri.

(6) It-tranżazzjonijiet mal-bank ċentrali nazzjonali, bħal dawk mal-Bank Ċentrali Ewropew, m'għandhomx ikunu suġġetti għal FTT sabiex jiġi evitat xi impatt negattiv fuq il-possibiltajiet ta' rifinanzjament ta' istituzzjonijiet finanzjarji jew fuq politiki monetarji inġenerali.

(7) Bl-eċċezzjoni tal-konklużjoni jew l-immodifikar ta' kuntratti tad-derivati, il-parti l-kbira tal-kummerċ fis-swieq primarji u tranżazzjonijiet relevanti għaċ-ċittadini u n-negozji bħall-konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, self b'ipoteka, krediti tal-konsumatur jew ħlas ta' servizzi għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-FTT, sabiex il-kumpaniji u l-gvernijiet ikunu jistgħu jiksbu kapital mingħajr problemi u biex jiġi evitat l-impatt fuq l-entitajiet domestiċi.

(8) L-intaxxar u l-ammont taxxabbli għandhom jiġu armonizzati sabiex jiġu evitati d-distorsjonijiet fis-suq intern.

(9) Ma għandux ikun hemm dewmien bla bżonn għall-mument ta' intaxxar u dan għandu jaħbat mal-mument meta sseħħ it-tranżazzjoni finanzjarja.

(10) Sabiex jiġi permess li l-ammont taxxabbli jiġi stabbilit bil-mod l-aktar faċli possibbli sabiex jiġu limitati l-ispejjeż għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa, fil-każ ta' tranżazzjonijiet finanzjarji minbarra dawk relatati ma' ftehim dwar derivati, b'mod ġenerali għandha ssir referenza għall-korrispettiv mogħti fil-kuntest tat-tranżazzjoni. Fejn ma jingħata ebda korrispettiv jew fejn il-korrispettiv mogħti huwa inqas mill-prezz tas-suq, tal-aħħar għandu jissemma' bħala riflessjoni ġusta tal-valur tat-tranżazzjoni. Bl-istess mod għal

17 ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1–44.
18 ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32–96.
19 ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1–73.

raġunijiet ta' faċilità fil-kalkolu, l-ammont nozzjonali għandu jintuża meta l-ftehimiet dwar derivati jinxtraw/jinbiegħu, jiġu trasferiti, konklużi jew immodifikati.

(11) Fl-interess ta' trattament ugwali, għandha tapplika rata ta' taxxa unika f'kull kategorija ta' tranżazzjonijiet, jiġifieri l-kummerċ ta' strumenti finanzjarji minbarra d-derivati, minn naħa waħda, u x-xiri/il-bejgħ, it-trasferiment, il-konklużjoni u l-modifika ta' ftehim dwar derivati.

(12) Sabiex it-tassazzjoni tiġi kkonċentrata fuq is-settur finanzjarju bħala tali aktar milli fuq iċ-ċittadini u minħabba li l-istituzzjonijiet finanzjarji jesegwixxu l-maġġoranza vasta ta' tranżazzjonijiet fis-swieq finanzjarji, it-taxxa għandha tapplika għal dawk l-istituzzjonijiet, sew jekk jinnegozjaw f'isimhom stess, f'isem persuni oħra, akkont tagħhom stess jew akkont ta' persuni oħra.

(13) Minħabba l-mobilità għolja ta' tranżazzjonijiet finanzjarji u sabiex tgħin biex ittaffi l-potenzjali ta' evażjoni fiskali, l-FTT għandha tiġi applikata abbażi tal-prinċipju ta' residenza.

(14) Ir-rati minimi tat-taxxa għandhom jiġu stabbiliti f'livell għoli biżżejjed sabiex jintlaħaq l-għan ta' armonizzazzjoni ta' din id-Direttiva. Fl-istess ħin, dawn għandhom ikunu baxxi biżżejjed sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' delokalizzazzjoni.

(15) Sabiex l-FTT tinġabar b'mod preċiż u f'waqtu, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati li jieħdu l-miżuri meħtieġa. Biex il-prevenzjoni tal-evażjoni, tal-evitar u tal-abbuż tkun waħda effiċjenti, il-Membri għandhom ikunu obbligati li jirrikorru għal strumenti eżistenti ta' assistenza reċiproka fuq kwistjonijiet fiskali, fejn ikun meħtieġ, u biex jieħdu vantaġġ mill-obbligi ta' rappurtar u tal-manutenzjoni tad-dejta li skont il-leġiżlazzjoni pertinenti huma d-dmir tas-settur finanzjarju.

(16) Sabiex tkun tista' ssir l-adozzjoni ta' regoli aktar dettaljati għad-determinazzjoni dwar jekk ċerti attivitajiet finanzjarji jikkostitwixxux parti sinifikanti mill-attività ta' impriża, sabiex l-impriża tkun tista' titqies istituzzjoni finanzjarja għall-finijiet ta' din id-Direttiva, u kif ukoll regoli aktar dettaljati dwar il-protezzjoni kontra l-evażjoni, l-evitar u l-abbuż tat-taxxa, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-miżuri neċessarji għal dan il-għan. Huwa ta' importanza partikolari li matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell ta' esperti. Waqt li tkun qiegħda tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni, għandha tiżgura trażmissjoni fil-ħin u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Kunsill.

(17) Sabiex jiġi evitat kunflitt bejn din id-Direttiva u d-Direttiva tal-Kunsill 2008/7/KE tat-12 ta' Frar 2008 dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital[20] dik id-Direttiva għandha tiġi emendata kif xieraq.

(18) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu armonizzati l-karatteristiċi essenzjali ta' FTT fil-livell tal-Unjoni, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-Suq Uniku, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan il-għan,

---

[20] ĠU L 46, 21.2.2008, p. 11.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

# Kapitolu I
# Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

*Artikolu 1*
*Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi s-sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (FTT).

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għat-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha, bil-kondizzjoni li mill-inqas parti waħda għat-tranżazzjoni tkun stabbilita fi Stat Membru u li istituzzjoni finanzjarja stabbilita fit-territorju tal-Istat Membru tkun parti għat-tranżazzjoni, li taġixxi jew akkont tagħha stess jew akkont ta' persuna oħra, jew li tkun qiegħda taġixxi f'isem parti għat-tranżazzjoni.

3. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-entitajiet li ġejjin:

(a) il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja;

(b) suġġett għall-punt (c) tal-paragrafu 4, istituzzjoni finanzjarja internazzjonali stabbilita minn żewġ Stati Membri jew aktar, li għandha l-għan li timmobilizza l-finanzjament u li tipprovdi assistenza finanzjarja għall-benefiċċju tal-membri tagħha li qegħdin jesperjenzaw jew li huma mhedda minn problemi finanzjari serji;

(c) Kontropartijiet Ċentrali (CCPs) meta jeżerċitaw il-funzjoni ta' CCP;

(d) Depożitarji Ċentrali tat-Titoli (CSDs) u Depożitarji Ċentrali Internazzjonali tat-Titoli (ICSDs) meta jeżerċitaw il-funzjoni ta' CSD jew ICSD.

Madankollu, meta skont l-ewwel subparagrafu, entità ma tkunx taxxabbli, dan ma għandux jipprekludi l-obbligu ta' taxxa tal-kontroparti tagħha.

4. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għat-tranżazzjonijiet li ġejjin:

(a) tranżazzjonijiet tas-suq primarju msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006[21], ħlief għall-ħruġ u t-tifdija ta' ishma u unitajiet ta' impriżi ta' investimenti kollettivi f'titoli trasferibbli (UCITS) kif definiti fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] u fondi ta' investiment alternattiv (AIF) kif definiti fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23];

(b) it-tranżazzjonijiet mal-Unjoni Ewropea, mal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, mal-Bank Ċentrali Ewropew, mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-korpi stabbiliti mill-Unjoni Ewropea jew mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija

---

21 ĠU L 241, 2.9.2006, p. 1.
22 ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.
23 ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1.

Atomika li għalihom japplika l-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, fil-limiti u skont il-kundizzjonijiet ta' dak il-Protokoll u l-ftehimiet għall-implimentazzjoni tiegħu jew il-ftehimiet ta' kwartieri ġenerali, sakemm dan ma jwassalx għal distorsjoni tal-kompetizzjoni;

(c) it-tranżazzjonijiet ma' organizzazzjoni jew korpi internazzjonali, għajr dawk imsemmija fil-punt (b), rikonoxxuti bħala tali mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati ospitanti, fil-limiti jew skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-konvenzjonijiet internazzjonali li jistabbilixxu l-korpi jew mill-ftehimiet ta' kwartieri ġenerali;

(d) tranżazzjonijiet mal-banek ċentrali tal-Istati Membri.

*Artikolu 2*
*Definizzjonijiet*

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'Tranżazzjoni finanzjarja' tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) ix-xiri u l-bejgħ ta' strument finanzjarju qabel il-kalkolu tal-valur nett u l-ħlas, inkluż ftehim dwar riakkwist u riakkwist invers u ftehim dwar self ta' titoli u self;

(b) it-trasferiment bejn entitajiet ta' grupp tad-dritt li jiddisponu minn strument finanzjarju bħala s-sid u kwalunkwe operazzjoni ekwivalenti li timplika t-trasferiment tar-riskju assoċjat mal-istrument finanzjarju, f'każijiet li mhumiex soġġetti għall-punt (a);

(c) il-konklużjoni jew il-modifika ta' ftehim dwar derivati;

(2) 'Strumenti finanzjarji' tfisser strumenti finanzjarji kif definiti fis-Sezzjoni C tal-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24], u prodotti strutturati;

(3) 'Ftehim dwar derivati' tfisser strument finanzjarju kif definit fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni C tal-Anness I tad-Direttiva2004/39/KE;

(4) 'Ftehim ta' riakkwist' u 'ftehim ta' riakkwist invers' tfisser ftehim imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25];

(5) 'Ftehim dwar self ta' titoli' u 'ftehim dwar teħid b'self ta' titoli' tfisser ftehim imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2006/49/KE;

(6) 'Prodott strutturat' tfisser titoli negozjabbli jew strumenti finanzjarji oħra offruti permezz ta' titolizzazzjoni skont l-Artikolu 4(36) tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] jew tranżazzjonijiet ekwivalenti li jinvolvu t-trasferiment ta' riskji minbarra r-riskji ta' kreditu;

(7) 'Istituzzjoni finanzjarja' tfisser xi waħda minn dawn li ġejjin:

---

[24] ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.
[25] ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201.
[26] ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

(a) ditta tal-investiment kif definita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39/KE;

(b) suq regolat kif definit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39/KE u kwalunkwe post jew pjattaforma kummerċjali organizzata oħra;

(c) istituzzjoni tal-kreditu kif definita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/48/KE;

(d) impriża ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni kif definita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27];

(e) impriża ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) kif definita fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/65/KE u kumpanija tal-ġestjoni kif definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/65/KE;

(f) fond tal-pensjonijiet jew istituzzjoni għall-provvista tal-irtirar okkupazzjonali kif definiti fl-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28], maniġer ta' investiment ta' tali fond jew istituzzjoni ;

(g) fond ta' investiment alternattiv (AIF) u maniġer ta' fond ta' investiment alternattiv (AIFM) kif definiti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/61/UE;

(h) entità ta' titolizzazzjoni b'għan speċjali kif definita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/48/KE;

(i) vettura b'għan speċjali kif definita fl-Artikolu 13(26) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(j) kull impriża oħra li twettaq waħda jew aktar minn dawn li ġejjin, fil-każ li dawn l-attivitajiet ikunu jikkostitwixxu parti sinifikanti mill-attività globali tagħha, f'termini ta' volum jew valur ta' tranżazzjonijiet finanzjarji:

(i) attivitajiet imsemmija fil-punti 1, 2, 3, 6 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/48/KE;

ii) negozjar akkont propju jew akkont ta' klijenti fir-rigward ta' xi strument finanzjarju;

(iii) l-akkwist ta' holdings f'impriżi;

(iv) parteċipazzjoni fi jew ħruġ ta' strumenti finanzjarji;

(v) il-provvista ta' servizzi relatati mal-attivitajiet imsemmija fil-punt (iv).

(8) 'Kontroparti Ċentrali' (CCP) tfisser entità legali li tqiegħed lilha nnifisha bejn il-kontropartijiet biex tinnogozja f'suq finanzjarju wieħed jew aktar, li ssir ix-xerrejja għal kull bejjiegħ u l-bejjiegħa għal kull xerrej;

(9) 'Il-kalkolazzjoni tal-valur nett' għandu jkollha t-tifsira definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29];

---

27 ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.
28 ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10.
29 ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45.

(10) 'Ammont nozzjonali' tfisser l-ammont nominali sottostanti li jintuża għall-kalkolu ta' pagamenti li jsiru fuq ftehim dwar derivati.

2. Il-Kummissjoni għandha, skont l-Artikolu 13, tadotta atti ddelegati li jistabbilixxu regoli dettaljati dwar id-determinazzjoni dwar jekk attivitajiet kif inhuma msemmija fil-paragrafu 1(7)(j) jikkostitwixxux parti sinifikanti mill-attività globali tal-impriża.

*Artikolu 3*
*Stabbiliment*

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, istituzzjoni finanzjarja għandha titqies li hija stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru meta xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tiġi sodisfatta:

(a) tkun ġiet awtorizzata mill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru biex taġixxi bħala tali, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet koperti minn dik l-awtorizzazzjoni;

(b) għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha f'dak l-Istat Membru;

(c) l-indirizz permanenti jew ir-residenza tas-soltu tagħha jkun jinstab f'dak l-Istat Membru;

(d) għandha fergħa f'dak l-Istati Membru, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet imwettqa minn dik il-fergħa;

(e) hija parti, li qiegħda taġixxi akkont tagħha stess jew akkont ta' persuna oħra, jew qiegħda taġixxi f'isem parti għat-tranżazzjoni, għal tranżazzjoni finanzjarja ma' istituzzjoni finanzjarja oħra stabbilita f'dak l-Istat Membru skont il-punti (a), (b), (c) jew (d), jew ma' parti stabbilita fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u li mhijiex istituzzjoni finanzjarja.

2. Fejn tkun sodisfatta aktar minn kundizzjoni waħda fil-lista stabbilita fil-paragrafu 1, l-ewwel kundizzjoni li tiġi sodisfatta f'ordni dixxendentali mill-bidu tal-lista għandha tkun rilevanti biex jiġi stabbilit l-Istat Membru ta' stabbiliment.

3. Minkejja l-paragrafu 1, istituzzjoni finanzjarja ma għandhiex titqies bħala stabbilita skont dak il-paragrafu, f'każ li l-persuna responsabbli għall-ħlas ta' FTT turi li ma hemm ebda rabta bejn is-sustanza ekonomika tat-tranżazzjoni u t-territorju ta' xi Stat Membru.

4. Persuna li mhijiex istituzzjoni finanzjarja għandha titqies bħala stabbilita fi Stat Membru jekk l-uffiċċju reġistrat tagħha jew, fil-każ ta' persuna fiżika, jekk l-indirizz permanenti tagħha jew ir-residenza tas-soltu tagħha tinstab f'dak l-Istat, jew għandha fergħa f'dak l-Istat, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet finanzjarji mwettqa minn dik il-fergħa.

# Kapitolu II
# L-intaxxar, l-ammont taxxabbli u r-rati

*Artikolu 4*
*L-intaxxar tal-FTT*

1. L-FTT għandha ssir taxxabbli għal kull tranżazzjoni finanzjarja fil-mument li sseħħ.

2. Kanċellazzjoni sussegwenti jew rettifika ta' tranżazzjoni finanzjarja ma għandu jkollha l-ebda effett fuq l-intaxxar, ħlief f'każijiet ta' żbalji.

*Artikolu 5*
*L-ammont taxxabbli tal-FTT fil-każ ta' tranżazzjonijiet finanzjarji minbarra dawk relatati ma' ftehim dwar derivati*

1. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet finanzjarji minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1(c) tal-Artikolu 2(1) relatati ma' ftehim dwar derivati, fil-punti 1(a) u 1(b) tal-Artikolu 2(1), l-ammont taxxabbli għandu jkun dak kollu li jikkostitwixxi korrispettiv imħallas jew dovut, bħala riżultat tat-trasferiment, mill-kontroparti jew minn parti terza.

2. Minkejja l-paragrafu 1, fil-każijiet imsemmija f'dak il-paragrafu l-ammont taxxabbli għandu jkun il-prezz tas-suq stabbilit meta ssir dovuta l-FTT:

   (a) meta l-korrispettiv huwa aktar baxx mill-prezz tas-suq;

   (b) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1)(b).

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-prezz tas-suq għandu jfisser l-ammont sħiħ li jkun tħallas bħala korrispettiv għall-istrument finanzjarju kkonċernat fi tranżazzjoni distakkata.

*Artikolu 6*
*L-ammont taxxabbli fil-każ ta' tranżazzjonijiet finanzjarji relatati ma' ftehim dwar derivati*

Fil-każ ta' tranżazzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafu 1(c) tal-Artikolu 2(1) u, relatati mal-ftehim dwar derivati, fil-punti 1(a) u 1(b) tal-Artikolu 2(1), l-ammont tal-FTT taxxabbli għandu jkun l-ammont nozzjonali tal-ftehim dwar derivati fil-ħin tat-tranżazzjoni finanzjarja.

Fejn ikun hemm identifikat aktar minn ammont nozzjonali wieħed, għandu jintuża l-ogħla ammont sabiex jiġi stabbilit l-ammont taxxabbli.

*Artikolu 7*
*Dispożizzjonijiet komuni dwar l-ammont taxxabbli*

Fejn il-valur rilevanti, skont l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 6, għad-determinazzjoni tal-ammont taxxabbli huwa espress, b'mod sħiħ jew b'mod parzjali, f'munita oħra minbarra dik tal-Istat Membru tat-tassazzjoni, ir-rata tal-kambju applikabbli għandha tkun l-aħħar rata ta' bejgħ irreġistrata, fil-ħin li l-FTT issir dovuta, fis-suq ta' kambju l-aktar rappreżentattiv tal-Istat Membru kkonċernat, jew b'rata ta' kambju stabbilita b'referenza għal dak is-suq, skont ir-regoli stabbiliti minn dak l-Istat Membru.

*Artikolu 8*
*Applikazzjoni, struttura u livell ta' rati*

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw ir-rati fis-seħħ tal-FTT meta t-taxxa ssir dovuta.

2. Ir-rati għandhom jiġu stabbiliti minn kull Stat Membru bħala perċentwal tal-ammont taxxabbli.

Dawk ir-rati ma għandhomx ikunu aktar baxxi minn:

(a) 0.1% fir-rigward tat-tranżazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5;

(b) 0.01% fir-rigward ta' tranżazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 6.

3. L-Istati Membri għandhom japplikaw l-istess rata għat-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha li jaqgħu taħt l-istess kategorija skont il-paragrafu 2 (a) u (b).

# Kapitolu III
# Il-ħlas tal-FTT, l-obbligi relatati u l-prevenzjoni tal-evażjoni, tal-evitar u tal-abbuż

*Artikolu 9*
*Il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-FTT lill-awtoritajiet fiskali*

1. Fir-rigward ta' kull tranżazzjoni finanzjarja, l-FTT għandha tkun pagabbli minn kull istituzzjoni finanzjarja li tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) hija parti mit-tranżazzjoni, taġixxi jew f'isimha stess jew f'isem persuna oħra;

(b) taġixxi f'isem parti għat-tranżazzjoni; jew

(c) it-tranżazzjoni twettqet f'isimha.

2. Meta istituzzjoni finanzjarja taġixxi għan-nom jew akkont ta' istituzzjoni finanzjarja oħra, dik l-istituzzjoni finanzjarja l-oħra biss għandha tkun responsabbli li tħallas FTT.

3. Kull parti fi tranżazzjoni, inkluż persuni oħrajn għajr l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu miżmuma responsabbli, in solidum, għall-ħlas tat-taxxa dovuta mill-istituzzjoni finanzjarja għal dik it-tranżazzjoni partikolari, fil-każ li l-istituzzjoni finanzjarja ma tkunx ħallset it-taxxa dovuta minnha sal-iskadenza stipulata fl-Artikolu 10(4).

4. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li persuna minbarra l-persuni responsabbli għall-ħlas ta' FTT imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandha tinżamm responsabbli in solidum għall-ħlas tat-taxxa.

*Artikolu 10*
*Dispożizzjonijiet relatati mal-limiti ta' żmien għall-ħlas ta' FTT, għall-obbligi maħsuba biex jiżguraw il-ħlas, għall-verifika tal-ħlas*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-obbligi ta' reġistrazzjoni, ta' kontabilità, ta' rappurtar u obbligi oħra maħsuba biex jiżguraw li l-FTT dovuta lill-awtoritajiet fiskali titħallas b'mod effettiv.

2. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri biex jiżguraw li kull persuna obbligata li tħallas FTT tissottometti dikjarazzjoni lill-awtoritajiet fiskali li tistabbilixxi l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-kalkolu tal-FTT li tkun saret duvuta matul perjodu ta' xahar inkluż il-valur totali tat-tranżazzjonijiet intaxxati f'kull rata. Id-dikjarazzjoni tal-FTT għandha tiġi sottomessa sal-għaxar jum tax-xahar wara x-xahar li fih l-FTT tkun saret dovuta.

3. Meta istituzzjonijiet finanzjarji ma jkunux soġġetti għall-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 2004/39/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, għal mill-inqas ħames snin, id-dejta rilevanti relatata mat-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha li għamlu, sew jekk għan-nom tagħhom stess jew għan-nom ta' persuna oħra, akkont tagħhom stess jew akkont ta' persuna oħra;

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe FTT dovuta titħallas lill-awtoritajiet fiskali fiż-żminijiet segwenti:

(a) fil-mument li t-taxxa ssir dovuta fil-każ li t-tranżazzjoni ssir b'mod eletroniku;

(b) fi żmien tlett ijiem xogħol mill-mument meta t-taxxa ssir dovuta fil-każijiet l-oħrajn kollha.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti fil-kwistjoni jivverifkaw jekk it-taxxa tkunx tħallset sew.

*Artikolu 11*
*Dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni tal-evażjoni, tal-evitar u tal-abbuż*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri għall-prevenzjoni tal-evażjoni, tal-evitar u tal-abbuż mit-taxxa.

2. Il-Kummissjoni tista', skont l-Artikolu 13 tadotta atti ddelegati li jispeċifikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, jużaw id-dispożizzjonijiet adottati mill-Unjoni dwar kooperazzjoni amministrattiva fi kwistjonijiet fiskali, u b'mod partikolari mid-Direttivi tal-Kunsill 2011/16/UE u 2010/24/UE. Huma għandhom jużaw ukoll obbligi eżistenti ta' rappurtar u ta' manutenzjoni tad-dejta relatati ma' tranżazzjonijiet finanzjarji.

# Kapitolu IV
# Dispożizzjonijiet finali

*Artikolu 12*
*Taxxi oħra fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji*

L-Istati Membri ma għandhomx iżommu jew jintroduċu taxxi fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji għajr għall-FTT li hi l-oġġett ta' din id-Direttiva jew taxxa fuq il-valur miżjud kif previst fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE[30].

*Artikolu 13*
*Eżerċizzju tad-delega*

1. Il-Kummissjoni hija kkonferita s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

---

30 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1–118.

2. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 2 (2) u 11 (2) għandha tingħata għal perjodu indeterminat ta' żmien mid-data msemmija fl-Artikolu 18.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 2(2) u 11(2) tista' tiġi revokata mill-Kunsill f'kull ħin. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Kunsill b'dan.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 2(2) u 11(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Kunsill ma tkun ġiet imfissra l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Kunsill ikun informa lill-Kummissjoni li mhuwiex sejjer joġġezzjona. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Kunsill.

*Artikolu 14*
*Informazzjoni tal-Parlament Ewropew*

Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat bl-adozzjoni ta' atti ddelegati mill-Kummissjoni, bi kwalunkwe oġġezzjoni fformulata lilhom, jew bir-revoka tad-delega ta' setgħat mill-Kunsill.

*Artikolu 15*
*Emenda għad-Direttiva 2008/7/KE*

Id-Direttiva 2008/7/KE ġiet emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 6(1) punt (a) ġie mħassar.

(2) Wara l-Artikolu 6, iddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 6a*

*Relazzjoni mad-Direttiva .../.../UE*

Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill …/…/UE[31]."

*Artikolu 16*
*Klawsola ta' reviżjoni*

Kull ħames snin u għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u, fejn xieraq, proposta għall-modifika tagħha.

F'dak ir-rapport il-Kummissjoni għandha, mill-inqas, teżamina l-impatt tal-FTT fuq il-funzjonament proprju tas-suq intern, tas-swieq finanzjarji u tal-ekonomija reali u għandha tivvaluta l-progress dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju fil-kuntest internazzjonali.

31 ĠU L ….., …., p.

*Artikolu 17*
*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

   Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2014.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 18*
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 19*
*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## ANNESS

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

#### 1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva

Id-Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE

#### 1.2. Il-qasam (l-oqsma) tal-politika kkonċernata(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

14 05 Il-Politika tat-Tassazzjoni

#### 1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta tirrigwarda **azzjoni ġdida**

#### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. L-objettiv strateġiku multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta*

Stabbiltà finanzjarja

*1.4.2. L-għanijiet speċifiċi u l-attività(ijiet) tal-ABM/ABB ikkonċernata(i)*

Objettiv Speċifiku Nru.3

L-iżvilupp ta' inizjattivi fiskali u azzjonijiet ġodda li jappoġġjaw l-għanijiet tal-politika tal-UE

Attività(ijiet) tal-ABM/ABB ikkonċernata(i)

Titolu 14 It-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali; ABB 05 Il-Politika ta' Tassazzjoni

*1.4.3. Riżultat(i) mistenni(ja)*

Li tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-suq intern għal servizzi finanzjarji, filwaqt li jingħata kas tal-għadd li dejjem qiegħed jikber ta' miżuri fiskali nazzjonali mhux ikkoordinati li qegħdin jiġu stabbiliti.

Li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet finanzjarji jagħtu kontribut ġust sabiex ikopru l-ispejjeż tal-kriżi riċenti, u biex jiżguraw tassazzjoni ugwali tas-settur vis-à-vis setturi oħra.

Li jinħolqu disinċentivi għal tranżazzjonijiet riskjużi żżejjed u biex jiġu kkumplimentati miżuri regolatorji li għandhom il-għan li jevitaw kriżijiet futuri.

### 1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/l-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jintlaħaq(u) fuq żmien qasir jew twil*

Kontribuzzjoni lejn l-objettiv ġenerali ta' stabbiltà fil-UE wara l-kriżi finanzjarja

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Il-frammentazzjoni tas-swieq finanzjarji fost l-attivitajiet u bejn il-fruntieri tista' biss tiġi evitata u t-trattament ugwali tal-istituzzjonijiet finanzjarji fl-UE u, finalment, il-funzjonament xieraq tas-suq intern jistgħu jiġu żgurati biss permezz ta' azzjoni fuq livell tal-UE.

*1.5.3. Lezzjonijiet mitgħallma minn esperjenzi simili fil-passat*

Ġie ppruvat li l-introduzzjoni ta' FTT b'bażi wiesgħa fuq livell nazzjonali li tilħaq it-tliet objettivi ta' hawn fuq mingħajr effetti serji ta' delokalizzazzjoni ma tantx hija possibbli (l-eżempju tal-Isvezja)".

*1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra*

It-taxxi huma parti mill-qafas ta' riżoluzzjoni globali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ipproponiet li tuża d-dħul mit-FTT bħala riżors proprju għall-futur

### 1.6. Tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

Proposta ta' **żmien mhux limitat**

### 1.7. Metodu(i) ta' ġestjoni previst(i)

Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq l-UE billi żżid l-ispejjeż amministrattivi.

**Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

**Ġestjoni ċentralizzata indiretta** bid-delega tal-inkarigi ta' implimentazzjoni lil:

Persuna inkarigata bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikata fl-att bażiku rilevanti skont l-Artikolu 49 tar-Regolament finanzjarju.

**Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

**Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

**Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali **(li jridu jiġu speċifikati)**.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex l-FTT tinġabar b'mod preċiż u fil-ħin, li jinkludu miżuri ta' verifika.

Il-provvediment ta' miżuri xierqa għall-iżgurar tal-ħlas tat-taxxa u għall-monitoraġġ u l-verifika

| |
|---|
| tal-ħlas korrett huwa f'idejn l-Istati Membri. |

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

*2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)*

| |
|---|
| 1. Dewmien fit-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-livell ta' Stati Membri<br><br>2. Riskju ta' evażjoni, evitar u abbuż<br><br>3. Riskju ta' rilokazzjoni |

*2.2.2. Metodu(i) ta' kontroll previst(i)*

| |
|---|
| L-Artikolu 11 tad-Direttiva jsemmi d-dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni tal-evażjoni, l-evitar u l-abbuż: atti ddelegati u kooperazzjoni amministrattiva fi kwistjonijiet fiskali.<br><br>Ir-riskju ta' rilokazzjoni huwa indirizzat permezz tal-għażla ta' sett xieraq ta' rati fiskali u definizzjoni wiesgħa tal-bażi taxxabbli. |

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri eżistenti jew previsti għall-prevenzjoni u l-protezzjoni.

## 3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-intestatura(i) tal-baġit affettwat(i)

- - Intestaturi eżistenti tal-baġit

<u>Fl-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-intestaturi tal-baġit.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Deskrizzjoni…………] | Diff./mhux-diff (1) | minn pajjiżi tal-EFTA[2] | minn pajjiżi kandidati[3] | minn pajjiżi terzi | skont l-Artikolu 18(1) (aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./ mhux - diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

- Intestaturi ġodda tal-baġit mitluba

<u>Fl-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-intestaturi tal-baġit.

---

1 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
2 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
3 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Intestatura…………..] | Diff./ mhux -diff. | minn pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | skont l-Artikolu 18(1) (aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.YY.YY.YY] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

## 3.2. L-impatt stmat fuq l-infiq

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-infiq*

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | Numru | [Intestatura ……………...…………………………………………….] |
|---|---|---|

| DĠ: <…….> | | | Sena N[4] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal l-ammont ta' snin meħtieġa sabiex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| Numru tal-intestatura tal-baġit | Impenji | (1) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (2) | | | | | | | | |
| Numru tal-intestatura tal-baġit | Impenji | (1a) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (2a) | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinananzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi[5] | | | | | | | | | | |
| Numru tal-intestatura tal-baġit | | (3) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għal DĠ <…….>** | Impenji | =1+1a +3 | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |
| | Ħlasijiet | =2+2a +3 | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |

4 Is-sena N hija s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

5 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (qabel kienu intestaturi "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |
| | Ħlasijiet | (5) | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt INTESTATURA <….>** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | =4+ 6 | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |

**Jekk hemm aktar minn intestatura waħda affettwata mill-proposta / inizjattiva:**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt INTESTATURI 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju multiannwali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | **5** | " Nefqa amministrattiva" |

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

| | | Sena **2013** | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Mill-**2017 'il quddiem** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: TAXUD | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 0.254 | 0.762 | 0.762 | 0.762 | 0.762 |
| • Infiq amministrattiv ieħor | | 0.040 | 0.036 | 0.036 | 0.036 | 0.036 |
| TOTAL DĠ TAXUD | | 0.294 | 0.798 | 0.798 | 0.798 | 0.798 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt INTSTATURA 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | (Impenji totali = Ħlasijiet totali) | 0.294 | 0.798 | 0.798 | 0.798 | 0.798 |

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

| | Sena | Sena | Sena | Sena | Mill-**2017 'il** |
|---|---|---|---|---|---|

| | | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | quddiem |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | 0.294 | 0.798 | 0.798 | 0.798 | 0.798 |
| | Ħlasijiet | 0.294 | 0.798 | 0.798 | 0.798 | 0.798 |

*3.2.2. L-impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operattivi*

– **- X** Il-proposta /inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi

*3.2.3. L-impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– **- X** Il-proposta / inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

| | Sena **2013** | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Mill- **2017 'il quddiem** |
|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTAURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | |
| Riżorsi umani | 0.254 | 0.762 | 0.762 | 0.762 | 0.762 |
| Infiq amministrattiv ieħor | 0.040 | 0.036 | 0.036 | 0.036 | 0.036 |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | 0.294 | 0.798 | 0.798 | 0.798 | 0.798 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **'ll barra mill-INTESTATURA 5[6] tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | |
| Riżorsi umani<br>Infiq amministrattiv ieħor | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju** | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |

6 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (qabel kienu intestaturi "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| multiannwali | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|

| TOTAL | 0.294 | 0.798 | 0.798 | 0.798 | 0.798 |
|---|---|---|---|---|---|

3.2.3.2. Ħtieġa mbassra ta' riżorsi umani

– **- X** Il-proposta /inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

| | | Sena **2013** | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Mill-**2017 'il quddiem** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Tabella tal-karigi tal-persunal (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | |
| 14 01 01 01 ( Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 0.254 | 0.762 | 0.762 | 0.762 | 0.762 |
| 14 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| 14 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| **• Persunal estern (f'Unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE)**[7] | | | | | | |
| 14 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali") | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| 14 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| **XX** 01 04 **yy**[8] | - fil-Kwartieri Ġenerali[9] | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| | - f'delegazzjonijiet | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| **XX** 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka indiretta ) | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| 10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka diretta ) | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| Linji oħra tal-baġit (speċifika) | | | | | | |
| **TOTAL** | | 0.254 | 0.762 | 0.762 | 0.762 | 0.762 |

*L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar sa punt deċimali wieħed)*

**14** huwa l-qasam tal-politika jew il-linja tal-baġit ikkonċernata.

Ir-riżorsi umani meħtieġa sejrin jintlaqgħu minn staff mid-DĠ li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u /jew intbagħat jaħdem fi ħdan id-DĠ, flimkien jekk ikun meħtieġ ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ amministrattiv skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl ta' restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-inkarigi li jridu jitwettqu:

| Uffiċjali u aġenti temporanji | L-allokazzjoni attwali tal-persunal tad-DĠ TAXUD ma tqisx il-kwistjoni tat-totalità tas-sistema komuni ta' FTT u sejra teħtieġ trasferimenti interni. L-inkarigi ewlenin tal-uffiċjali |
|---|---|

[7] CA=Aġent b'Kuntratt; INT=persunal tal-aġenzija (*"Intérimaire"*); JED= "*Jeune Expert en Délégation"* (Esperti żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet); LA=Aġent Lokali; SNE=Esperti Nazzjonali Ssekondat.

[8] Taħt il-limitu għal persunal estern minn approprjazzjonijiet operazzjonali (preċedentement linji "BA")

[9] Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ) FAEŻR) u l-Fond Ewropew tas-Sajd (FES).

| | |
|---|---|
| | assenjati sejrin ikunu li: jelaboraw it-teknikalitajiet dwar il-funzjonament prattiku tat-taxxa sabiex jgħinu fil-proċess ta' negozjati, jimmonitorjaw l-implimentazzjoni sussegwenti, iħejju l-interpretazzjonijiet legali u d-dokumenti ta' ħidma, jikkontribwixxu għall-atti ddelegati dwar dispożizzjonijiet kontra l-evitar/l-abbuż, iħejju proċeduri ta' ksur kif xieraq eċċ. |

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

– **- X** Il-proposta /inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– - Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi

## 3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

– **X** Il-proposta /inizjattiva ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul.